

31991R1538

7.6.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 143/11

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1538/91
tal-5 ta' Ġunju ta' l-1991**

li jintroduċi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1906/90 dwar ċerti standards ta' tqegħid fis-suq għat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1906/90 tas-26 ta' Ġunju tal-1990 dwar ċerti standards ta' tqegħid fis-suq għat-tjur ⁽¹⁾, u b'mod partikolari Artikolu 9 tiegħu,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 1906/90 ippromulga ċerti standards ta' tqegħid fis-suq għat-tjur, li l-applikazzjoni tagħhom teħtieġ l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet b'mod partikolari dwar il-lista ta' dawk il-karkassi ta' tjur, partijiet tagħhom u ġewwieni li japplika għalihom ir-Regolament imsemmi, klassifikazzjoni b'konformazzjoni, dehra u piż, tipi ta' preżentazzjoni, l-indikazzjoni tal-isem li taħtu għandhom jinbiegħu dawk il-prodotti, l-użu mhux obbligatorju ta' indikazzjonijiet dwar metodi ta' tkessiħ u t-tip ta' biedja, kondizzjonijiet għal ħażna u trasport ta' ċerti tipi ta' laħam tat-tjur u s-sorveljanza ta' dawn id-dispożizzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom f'kull parti tal-Komunità;

Billi, sabiex ikun provdut għat-tqegħid fis-suq ta' tjur fi klassijiet differenti skond il-konformazzjoni u d-dehra, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati definizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ispeċi, l-età u l-preżentazzjoni fil-każ ta' karkassi, u konformazzjoni anatomika u kontenut fil-każ ta' biċċiet tat-tjur; billi fil-każ tal-prodott magħruf bħala l-"Foie gras" il-valur għoli u r-riskju konsegwenti ta' prattiċi qarrieqa jagħmlu meħtieġ li jiġu speċifikati standards minimi u preċiżi speċjali ta' tqegħid fis-suq;

Billi mhuwiex meħtieġ li dawn l-istandards jiġu applikati għal ċerti prodotti u preżentazzjonijiet li huma ta' importanza lokali jew xort'oħra ta' importanza limitata; billi, iżda, ismijiet li dawk il-prodotti huma mibjugħin taħtom ma għandhomx ikunu jistgħu iqarrqu bil-konsumatur sa grad materjali billi jgħegħluh jifixxkel dawn il-prodotti ma' prodotti li huma soġġetti għal dawn id-dispożizzjonijiet; billi, b'mod simili, termini deskrittivi addizzjonali wżati biex jikkwalifikaw l-ismijiet ta' dawk il-prodotti għandhom ukoll ikunu soġġetti għal din id-dispożizzjoni;

Billi t-temperatura ta' ħżin u t-tqandil huma ta' importanza kruċjali għaż-żamma ta' standards għoljin ta' kwalità; billi, għalhekk, huwa xieraq li tiġi speċifikata temperatura minima li fiha għandhom jinżammu prodotti tal-laħam tat-tjur iffriżati;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mas-sorveljanza u ma' l-infurzar għandhom jiġu applikati b'mod uniformi f'kull parti tal-

Komunità; billi regoli dettaljati adottati għal dawk l-iskopijiet għandhom ikunu wkoll uniformi; billi huwa għalhekk meħtieġ li jiġu speċifikati miżuri komuni fil-kwistjoni ta' proċeduri ta' kampjuni u tolleranzi;

Billi huwa meħtieġ, kemm sabiex il-konsumatur jiġi provdut b'informazzjoni biżżejjed, mhux ekwivoka u oġġettiva dwar dawk il-prodotti offruti għall-bejgħ, u sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu ta' dawk il-prodotti f'kull parti tal-Komunità, biex jiġi żgurat li l-istandards ta' tqegħid fis-suq ta' laħam tat-tjur jagħtu kas, safejn ikun prattiku, tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE tal-20 ta' Jannar tal-1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-għamil skond il-piż jew skond il-volum ta' ċerti prodotti ippakkjati minn qabel ⁽²⁾, kif emendata bid-Direttiva 78/89/KEE ⁽³⁾;

Billi fost l-indikazzjonijiet li jistgħu jiġu użati b'mod mhux obbligatorju fuq it-tikketti huma dawk dwar il-metodu ta' tkessiħ u t-tipi partikolari ta' biedja; billi l-użu ta' din tal-aħħar, fl-interess tal-protezzjoni tal-konsumatur, jeħtieġ li jiġi subordinat fir-rigward ta' kriterji mfissra b'attenzjoni dwar kemm il-kondizzjonijiet ta' trobbija kif ukoll il-limiti ta' kwantità biex jiġu iddikjarati ċerti kriterji bħall-età fil-qatla jew tul tal-perjodu ta' tħaxxin u l-kontenut ta' ċerti ingredjenti ta' prodotti tal-ikel;

Billi, huwa xieraq għall-Kummissjoni li teżerċita sorveljanza permanenti tal-kompatibilità mal-liġi tal-Komunità, inklużi l-istandards ta' tqegħid fis-suq, b'mod partikolari ta' kull miżura nazzjonali adottata skond dawn id-dispożizzjonijiet; billi għandha ssir dispożizzjoni partikolari wkoll għar-reġistrazzjoni u spezzjoni regolari ta' intrapriżi awtorizzati li jużaw termini li jsemmu tipi partikolari ta' biedja; billi dawk l-intrapriżi għandhom ikunu għalhekk obbligati li jżommu records regolari u dettaljati għal dan l-iskop;

Billi, minħabba n-natura speċjalizzata ta' dawn l-ispezzjonijiet, ir-responsabilità għalihom tista' tkun delegata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru interessat, soġġetta għas-sorveljanzi u salvagwardji addattati, lil korpi barranin li jkunu kwalifikati tajjeb u liċenzjati kif dovut;

Billi operaturi fterzi pajjiżi jistgħu jixtiequ li jagħmlu użu minn indikazzjonijiet mhux obbligatorji dwar metodi ta' tkessiħ u tip ta' biedja; billi għandha ssir dispożizzjoni għalihom sabiex jagħmlu

⁽¹⁾ ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 1.

⁽²⁾ ĠU Ċ 46, tal-21.2.1976, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 311, tal-4.11.1978, p. 21.

dan, soġġett għal ċertifikazzjoni xierqa mill-awtorità kompetenti tal pajjiż terz interessat, u li jidher fuq lista stabbilita mill-Kummissjoni;

Billi l-miżuri li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija għal Laħam tat-Tjur u Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti msemmija f'Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1906/90 huma mfissra b'dan il-mezz kif ġej:

1. Karkassi ta' tjur

(a) TAJR DOMESTIKU (*Gallus domesticus*)

- tiġieġa, brojler: tjur li għandu tip ta' sternu flessibbli (mhux mgħaddam),
- serduq, tiġieġa, tjur imsajjar f'paġna jew mgħolli: tajr li għandu tip ta' sternu riġidu (mgħaddam),
- ħasi: tajra raġel ikkastrat b'mod kirurġiku qabel ma jkun wasal għall-maturità sesswali,
- poussin, coquelet: tiġieġa b'piż tal-karkassa ta' inqas minn 750 g (espress mingħajr ġewwieni, ras u saqajn);

(b) DUNDJANI (*Meleagris gallopavo dom.*)

- dundjan (żgħir): tajr li għandu tip ta' sternu flessibbli (mhux mgħaddam),
- dundjan: għasfur li għandu tip ta' sternu riġidu (mgħaddam);

(ċ) PAPRI (*Anas platyrhynchos dom., cairina muschata*)

- papra (żgħira) jew fellus ta' papra, Papra Muscovy (żgħira): għasfur li għandu tip ta' sternu flessibbli (mhux mgħaddam),
- papra, papra muscovy: għasfur li għandu tip ta' sternu riġidu (mgħaddam);

(d) WIŻŻ (*Anser anser dom.*)

- wiżż (żgħir) jew fellus ta' wiżża: għasfur li għandu tip ta' sternu flessibbli (mhux mgħaddam), Is-saff ta' xaħam fuq il-karkassa kollha huwa irqiq jew moderat, ix-xaħam tal-wiżż żgħir jista' jkollu kulur li jindika dieta speċjali,
- wiżża: għasfur li għandu tip ta' sternu riġidu (mgħaddam); jkollu preżenti saff ta' xaħam minn moderat għal oħxon fuq il-karkassa kollha;

(e) FARGHUNA (*Numida meleagris domesticus*)

- farghuna (żgħir): għasfur li għandu tip ta' sternu flessibbli (mhux mgħaddam),
- farghuna: għasfur li għandu tip ta' sternu riġidu (mgħaddam),

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, varjanti tat-termini ta' hawn fuq li għandhom x'jaqsmu mas-sess għandhom jinftehm bħala ekwivalenti.

2. Biċċiet tat-tjur

- (a) Nofs: nofs il-karkassa, miksuba minn qatgħa lonġitudinali fi pjan matul l-isternu u s-sinsla tad-dahar;
- (b) Kwart: nofs diviż b'qatgħa trasversali li biha jinkisbu r-robbi tas-saqajn u s-sider;
- (ċ) Ir-robbi tas-saqajn mhux separati: iż-żewġ robbi tas-saqajn uniti b'porzjoni tad-dahar, bir-ramp jew mingħajru;
- (d) Sider: l-isternu u l-kustilji, jew parti minnhom, distribwiti fuq iż-żewġ naħat, flimkien mal-muskolatura ta' madwarhom. Is-sider jista' jiġi ippreżentat bħala sħiħ jew nofs;
- (e) Sieq: il-wirk, il-qasba tas-sieq u l-fibula flimkien mal-muskolatura tal-madwar. Iż-żewġ qatgħat għandhom isiru fil-ġogi;
- (f) Sieq ta' tiġieġa b'porzjon tad-dahar imwaħħal magħha, il-piż ta' dan tal-aħħar ma għandux ikun iżjed minn 25 % tal-qatgħa;
- (g) Koxxa: il-wirk flimkien mal-muskolatura tal-madwar. Iż-żewġ qatgħat għandhom isiru fl-għekiesi;
- (h) Il-biċċa t'isfel tal-koxxa (*drumstick*): il-qasba tas-sieq u l-fibula flimkien mal-muskolatura tal-madwar. Iż-żewġ qatgħat għandhom isiru fil-ġogi;
- (i) Ġewnaħ: L-omeru, ir-radju, u l-ulna, flimkien mal-muskolatura tal-madwar. Fil-każ ta' ġwienaħ, l-omeru jew radju/ulna tad-dundjan flimkien mal-muskolatura tal-madwar jistgħu jiġu ppreżentati separatament. Il-ponta, inklużi l-għadmiet karpali, mhux bilfors jiġu mneħħija. Iż-żewġ qatgħat għandhom isiru fil-ġogi;
- (j) Ġwienaħ mhux separati: Iż-żewġ ġwienaħ magħqudin b'porzjon tad-dahar, meta l-piż ta' dan tal-aħħar ma jkunx iżjed minn 45 % minn dak tal-qatgħa sħiħa;
- (k) Flett tas-sider bil-*wishbone*: flett tas-sider mingħajr ġilda bil-klavikula u l-punt kartilaġinuż tal-isternu biss, il-piż tal-klavikula u l-qarquċa ma għandhomx jaqbz 3 % tal-qatgħa.

Sal-31 ta' Diċembru tal-1991, fil-każ ta' prodotti elenkati taħt (e), (g) u (h) iż-żewġ qatgħat jistgħu jsiru ħdejn il-ġogi.

Prodotti elenkati taħt (d) sa (k) jistgħu jiġu ppreżentati bil-ġilda jew mingħajra. In-nuqqas ta' ġilda fil-każ ta' prodotti elenkati taħt (d) sa (j) jew il-preżenza tal-ġilda fil-każ tal-prodott elenkat taħt (k) għandhom jidhru fuq it-tikketta fi ħdan it-tifsira ta' Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE ⁽¹⁾.

3. Foie gras:

il-fwied tal-wiżż, jew ta' papri tal-ispeċi *cairina muschata* jew *c.m. x Anas platyrachos* li ġew mitmugħin b'tali mod biex jiproduċu ipertrofija ċellulari epatika u grassa.

L-għasfar li minnhom jitneħħa fwied bħal dan għandhom jinfesdu għal kollox, u l-fwied għandu jkun ta' kulur uniformi.

Il-fwied għandu jkun tal-piż li ġej:

- il-fwied tal-papri għandu jiżen għallinqas 25° g netti,
- il-fwied tal-wiżż għandu jiżen għallinqas 400 g netti,

Artikolu 2

1. Karkassi tat-tjur għandhom, sabiex jitqegħdu fis-suq skond dan ir-Regolament, jiġu ippreżentati għal bejgħ f'waħda mill-forom li ġejjin:

- il-ġewwieni parzjalment imneħħi ("*effilé*," "*roped*"),
- il-ġewwieni mneħħi, bl-organi interni,
- il-ġewwieni mneħħi, mingħajr organi interni.,

2. Karkassi li l-ġewwieni tagħhom huwa mneħħi parzjalment huma karkassi li minnhom il-qalb, il-fwied, il-pulmun, il-qanżħa, il-ħawsla, u l-kliewi ma tneħħewx.

3. Għall-preżentazzjonijiet kollha ta' karkassi, jekk ir-ras ma titneħħiex, it-trakea u l-esofagu jistgħu jibqgħu fil-karkassa.

4. L-organi ta' tajra għandhom jinkludu biss dan li ġej:

Il-qalb, l-għonq, il-qanżħa u l-fwied, u l-partijiet kollha l-oħra kkunsidrati bħala tajbin għall-ikel mis-suq li fih il-prodott huwa maħsub għall-konsum finali. Il-fwied għandu jkun mingħajr il-bużżieqa tal-marrara. Il-qanżħa għandha tkun mingħajr ir-rita qarnija, u l-kontenut tal-qanżħa għandu jitneħħa. Il-qalb tista' tkun bis-saċ perikardjali jew mingħajrha. Jekk l-għonq jibqa' magħqud mal-karkassa, ma jitqiesx bħala organu tat-tajra.

⁽¹⁾ ĠU L 33, tat-8.2.1979, p. 1.

Meta wieħed minn dawn l-erba' organi ma jkunx inkluż bħas-soltu mal-karkassa għal bejgħ, in-nuqqas tiegħu għandu jkun jidher fuq it-tikketta.

Artikolu 3

1. L-ismijiet li taħthom jinbigħu il-prodotti koperti minn dan ir-Regolament, fi ħdan it-tifsira ta' Artikolu 3(1)(1) tad-Direttiva 79/112/KEE, għandhom ikunu dawk numerati f'Artikolu 1 u t-termini li jikkorrispondu fl-ilsna l-oħra tal-Komunità elenkati f'Anness I kwalifikat fil-każ:

- ta' karkassi sħaħ b'referenza għal waħda mill-forom ta' preżentazzjoni kif hemm f'Artikolu 2(1),
- ta' qatgħat ta' tjur, b'riferenza għall-ispeċi rispettivi.

2. L-ismijiet imfissra f'Artikolu 1(1) u (2) jistgħu jiġu supplementati b'termini oħra sakemm dawn tal-aħħar ma jhawdux lill-konsumatur sa grad materjali u b'mod partikolari hekk li jista' jwasslu għal li jifxkel prodott ma' prodotti oħra elenkati f'Artikolu 1(1) u (2) jew b'indikazzjonijiet li għalihom hemm provdut f'Artikolu 10.

Artikolu 4

Prodotti għajr dawk imfissra f'Artikolu 1 jistgħu jinbigħu fis-suq fil-Komunità biss taħt ismijiet li ma jfjixklux lill-konsumatur sa grad materjali li jħallu taħwid ma' dawk imsemija f'Artikolu 1 jew b'indikazzjonijiet li għalihom hemm provdut f'Artikolu 10.

Artikolu 5

Id-dispożizzjonijiet addizzjonali li ġejjin għandhom japplikaw għal laħam tat-tjur iffriżat kif imfisser f'Artikolu 2(6) tar-Regolament (KEE) Nru 19006/90:

It-temperatura tal-laħam tat-tjur iffriżat konċernat b'dan ir-Regolament għandha tkun stabbli u miżmuma, fil-postijiet kollha fil-prodott, 12 °C jew inqas bi fluttwazzjonijiet possibilment qosra 'l fuq ta' mhux iżjed minn 3 °C. Dawn it-tolleranzi fit-temperatura tal-prodott għandhom jitħallew skond Prattika tajba ta' ħżin u tqassim tajjeb u f'vetrini għall-bejgħ bl-innut.

Artikolu 6

1. Il-Karkassi tat-tjur u qatgħat koperti b'dan ir-Regolament għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet minimi li ġejjin sabiex jiġu kklassifikati fi klassijiet A u B:

- intatti, meta titqies il-preżentazzjoni,

- nodfa, ħielsa minn kull materja barranija li tidher, ħmieġ jew demm,
- bla ebda riħa barranija,
- bla tbajja tad-demmi li jidhru għajr dawk li huma żgħar u ma jagħtux fil-għajn,
- bla għadam miksur imqabbeż 'il barra,
- bla tbenġil serju.

Fil-każ ta' tjur frisk, ma għandu jkun hemm ebda traċċa ta' iffriżar minn qabel.

2. Sabiex jiġu kklassifikati bħala ta' Klassi A, karkassi ta' tjur u qatgħat għandhom barra minn hekk jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

- huma għandhom ikunu ta' konformazzjoni tajba. Il-laħam għandu jkun smin; is-sider żviluppat sew, miftuħ, twil u mlaħħam, u s-saqajn għandhom jkunu mlaħħmin. Fuq tiġieġ, papri żgħar jew flieles ta' papri u dundjani għandu jkun hemm saff irqiq u regolari ta' xaħam fuq is-sider, dahar u l-koxox. Fuq sriedaq, tiġieġ, papri u wiżż żgħir, saff iktar oħxon ta' xaħam huwa permess. Fuq wiżż għandu jkun preżenti saff ta' xaħam minn moderat għal oħxon fuq il-karkassi kollha,
- jista' jkun hemm xi ftit rix żgħir, pezzijiet (ponot tar-rix) u xagħar (filopjumi) fuq is-sider, saqajn, ramp, ġogi tas-sieq u ponot tal-ġwienaħ. Fil-każ ta' tjur, papri, dundjani u wiżż tat-togħlija jista' jkun preżenti wkoll xi ftit fuq partijiet oħra,
- xi ftit ħsara, tbenġil u tidnis tal-kulur huma permessi sakemm ikunu żgħar u ma jagħtux fil-għajn, u mhumiex preżenti fuq is-sider jew saqajn. Il-ponta tal-ġewnaħ tista' tkun nieqsa. Ħmura żgħira ħafna hija permessibbli fil-ponot tal-ġwienaħ u l-follikoli
- fil-każ ta' tjur iffriżati jew iffriżati ta' malajr ma għandu jkun hemm ebda traċċa ta' ħruq mill-iffriżar ⁽¹⁾ għajr dawk li huma inċidentali, żgħar u ma jagħtux fil-għajn u mhux preżenti fuq is-sider jew saqajn.

Artikolu 7

1. Deċiżjonijiet li ġejjin minn nuqqas ta' konformità ma' Artikoli 1 u 6 jistgħu jittieħdu biss għal-lott kollu li jkun ġie kontrollat skond id-dispożizzjonijiet ta' dan Artikolu.

- (¹) Ħruq bil-friża: (fis-sens ta' tnaqqis fil-kwalità) hija t-tnixxif irriversibbli lokali jew ta' tip ta' parti mill-ġilda u/jew laħam li tista' toħroġ bħala tibdil:
- fil-kulur oriġinali (l-iktar tiċċara), u/jew
 - ftoghma u riħa (mingħajr togħma jew misnieh), u/jew
 - f'konsistenza (xotta, sponzi).

2. Lott għandu jkun magħmul mil-laħam kollu tat-tjur tal-istess tip, l-istess klassi u l-istess produzzjoni jew mill-istess biċċerija jew impjant ta' qtugħ, li jkun hemm fl-istess post, li għandhom jiġu spezzjonati.

3. Kampjun li huwa magħmul min-numri li ġejjin ta' prodotti individwali kif definit f'Artikolu 1 għandu jittieħed b'mod każwali minn kull lott li għandu jiġi spezzjonat fil-biċċerija, impjanti ta' qtugħ, imħażen tal-ingrossa jew tal-immnut jew fil-każ ta' importazzjonijiet minn terzi pajjiżi fiż-żmien meta jiġu żdoganati mid-dwana:

Daqs tal-lott	Daqs tal-kampjun	Numru tolerabbli ta' unitajiet difettużi
100 sa 500	30	5
501 sa 3 200	50	7
> 3 200	80	10

4. Fil-kontroll ta' lott ta' laħam tat-tjur ta' klassi A, in-numru tolerabbli ta' unitajiet difettużi msemmija fil-paragrafu 3 huwa permess fir-rigward ta':

- (a) qatgħat mhux magħmula fil-ġogi fil-każ tas-saqajn, koxxox, *drumsticks* u ġwienaħ;
- (b) preżenza ta' mhux iżjed minn 2 % fil-piż ta' qarquċa (ponta flessibbli ta' sternu) fil-każ ta' flett tas-sider;
- (ċ) preżenza ta' ħsara, tbenġil, telf jew tidnis ta' kulur u traċċi żgħar ta' ħruq bil-friża u li ma jagħtux fil-għajn fuq is-sider u s-saqajn.

5. Fil-kontroll ta' lott ta' laħam tat-tjur ta' klassi B, in-numru tolerabbli ta' unitajiet difettużi fir-rigward tal-prodotti msemmija taħt il-paragrafu 4 (a) u (b) għandu jiġi irduppat.

6. Fejn il-lott ikkontrollat ma jitqiesx li jkun konformi, l-aġenzija ta' sorveljanza għandha tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq jew l-importazzjoni tiegħu jekk il-lott ikun ġej minn pajjiż terz, sakemm tingħata prova li jkun ġie magħmul konformi ma' Artikoli 1 sa 6.

Artikolu 8

1. Laħam ta' tjur ippreparat minn qabel jew iffriżat malajr jista' jiġi ikklassifikat skond il-kategorija tal-piż bi qbil ma' Artikolu 3(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1906/90 f'pakketti ippreparati minn qabel fi ħdan it-tifsira ta' Artikolu 2 tad-Diretiva 76/211/KEE.

Dawn il-pakketti ippreparati minn qabel jistgħu jkunu:

- pakketti ippreparati minn qabel li fihom karkassa waħda ta' tjur, jew
- pakketti ippreparati minn qabel li fihom qatgħa waħda jew aktar ta' tjur tal-istess tip u speċi.

kif imfisser f'Artikolu 1.

2. Il-pakketti ippreparati minn qabel kollha għandhom bi qbil mal-paragrafi 3 u 4 juru indikazzjoni tal-piż tal-prodott magħruf bħala "piż nominali" li huma meħtieġa li jkollhom.

3. Pakketti ippreparati minn qabel ta' laħam ta' tjur iffriżat jew iffriżat malajr jistgħu jiġu klasifikati skond kategoriji ta' piżijiet nominali kif ġej:

— karkassi < 1 100 g: klassijiet ta' 50 g (1 100–1 050–1 000 etc.),

— karkassi < 1 100 g: klassijiet ta' 50 g (1 100–1 200–1 300 etc.),

— qatgħat: 250 g - 500 g - 750 g - 1 000 g - 1 500 g - 2 000 g - 3 000 g - 5 000 g.

4. Pakketti ippreparati minn qabel imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru b'tali mod li jissodisfaw il-ħtiġiet li ġejjin:

— il-kontenut attwali ma għandux ikun inqas, fuq medja, mill-piż nominali,

— il-proporzjon ta' pakketti ippreparati minn qabel li għandhom żball negattiv ikbar mill-iżball tollerabbli negattiv li hemm fil-paragrafi 9 u 10 għandhom ikunu biżżejjed żgħar għal-lottijiet ta' pakketti ippreparati minn qabel biex jissodisfaw il-ħtiġiet tat-testijiet speċifikati fil-paragrafu 11,

— ebda pakkett ippreparat minn qabel li għandu żball negattiv ikbar mid-doppju tal-iżball negattiv u tollerabbli mogħti fil-paragrafi 9 u 10 ma għandu jitpoġġa fis-suq.

Id-definizzjonijiet ta' piż nominali, kontenut attwali u żball negattiv li hemm f'Anness I tad-Direttiva 76/211/KEE għandhom japplikaw għal dan ir-Regolament.

5. Dwar ir-responsabilità ta' min jippakkja jew tal-importatur ta' laħam tat-tjur iffriżat jew iffriżat malajr u l-kontrolli li għandhom jitwettqu minn awtoritajiet kompetenti, punti 4, 5 u 6 ta' Anness I tad-Direttiva 76/211/KEE japplikaw *mutatis mutandis*.

6. Il-kontrolli ta' pakketti ippreparati minn qabel għandhom isiru b'teħid ta' kampjuni u għandhom jkunu f'żewġ partijiet:

— kontroll li jkopri l-kontenut attwali ta' kull pakkett ippreparat minn qabel fil-kampjun,

— kontroll fuq il-kontenut medju u attwali tal-pakketti ippreparati minn qabel fil-kampjun,

Lott ta' pakketti ippreparati minn qabel għandhom jiġu kkunsidrati aċċettabbli jekk ir-riżultati ta' dawn iż-żewġ kontrolli jissodisfaw il-kriterji ta' aċċettazzjoni msemmija fil-paragrafi 11 u 12.

7. Lott għandu jkun magħmul mill-pakketti ippreparati minn qabel kollha tal-istess piż nominali, l-istess tip, l-istess klassi u l-istess produzzjoni, ippakkjati fl-istess post, li għandhom jiġu spezzjonati.

Id-daqs tal-lott għandu jkun limitat għall-kwantitajiet stabbiliti isfel:

— meta pakketti ippreparati minn qabel jiġu ikkontrollati fl-aħħar tal-linja ta' ippakkjar, in-numru f'kull lott għandu jkun daqs il-produzzjoni massima ta' kull siegħa tal-linja ta' ippakkjar, mingħajr ebda restrizzjoni fir-rigward tad-daqs tal-lott;

— f'każijiet oħra id-daqs tal-lott għandu jkun limitat għal 10 000

8. Kampjun li jkun magħmul min-numri ta' pakketti ippreparati minn qabel li ġejjin għandu jittieħed b'mod każwali minn kull lott li għandu jiġi spezzjonat:

Daqs tal-lott	Daqs tal-kampjun
100 sa 500	30
501 sa 3 200	50
> 3 201	80

Għal lottijiet ta' inqas minn 100 pakkett ippreparat minn qabel, it-test mhux distruttiv, fi ħdan it-tifsira ta' Anness II tad-Direttiva 76/211/KEE, fejn ikun sar, għandu jkun ta' 100 %.

9. Fil-każ ta' karkassi ippreparati minn qabel individwalment, huma permessi l-iżbalji tollerabbli u negattivi li ġejjin:

Piż nominali	(f' g)	
	Żball tollerabbli u negattiv	
inqas minn 1 100	25	
1 100 u iżjed	50	

10. Fil-każ ta' qatgħat ta' tjur ippreparati minn qabel, japplikaw l-iżbalji tollerabbli u negattivi li ġejjin:

Piż nominali (fi g)	Żball negattiv tollerabbli	
	(f'g)	(f%)
250	9	
500	15	
750	15	
1 000		1,5
1 500		1,5
2 000		1,5
2 500		1,5
3 000		1,5
5 000		1,5

11. Għall-kontroll tal-kontenut attwali ta' kull pakkett ippreparat minn qabel fil-kampjun, il-kontenut minimu aċċettabbli għandu jiġi ikkalkulat bi tnaqqis tal-iżball tollerabbli u negattiv għall-kontenut konċernat mill-piż nominali tal-pakkett ippreparat minn qabel.

Il-pakketti ippreparati minn qabel fil-kampjun li l-kontenut attwali tagħhom huwa inqas mill-kontenut minimu aċċettabbli għandhom jitqiesu difettużi.

Il-lott ta' pakketti ippreparati minn qabel ikkontrollat għandu jiġi kkunsidrat aċċettabbli jew inkella jiġi rifjutat, jekk in-numru ta' unitajiet difettużi li jinsabu fil-kampjun huwa inqas minn jew daqs il-kriterju ta' aċċettazzjoni jew daqs jew ikbar mill-kriterju għar-rifjut muri hawn isfel:

Numru f'kampjun	Numru ta' unitajiet difettużi	
	Kriterju ta' aċċettazzjoni	Kriterju ta' rifjut
30	2	3
50	3	4
80	5	6

12. Għall-kontroll tal-kontenut medju attwali, lott ta' pakketti ippreparati minn qabel għandu jitqies aċċettabbli, jekk il-kontenut medju u attwali tal-pakketti ippreparati minn qabel li jiffurmaw il-kampjun huwa ikbar mill-kriterju ta' aċċettazzjoni muri hawn isfel:

Daqs ta' kampjun	Kriterju ta' aċċettazzjoni għal kontenut medju u attwali
30	$\bar{x} \geq Q_n - 0,503s$
50	$\bar{x} \geq Q_n - 0,379s$
80	$\bar{x} \geq Q_n - 0,295s$

\bar{x} = kontenut medju u attwali ta' pakketti ippreparati minn qabel,

Q_n = kwantità nominali tal-pakkett ippreparat minn qabel,

s = devjazzjoni normali tal-kontenuti attwali tal-pakketti ippreparati minn qabel fil-lott.

Id-devjazzjoni normali għandha tiġi ikkalkulata kif stabbilit taħt il-punt 2.3.2.2 tal-Anness II tad-Direttiva 76/21/KEE.

13. Id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 4 (4) tad-Direttiva 76/211/KEE japplikaw.

Artikolu 9

Indikazzjoni tal-użu ta' wieħed mill-metodi ta' tkessiħ imfisser hawnhekk iżjed 'il quddiem u t-termini li jikkorrispondu fl-ilsna l-oħra tal-Komunità elenkati f'Anness II jistgħu jidhru fuq it-tikketta fi ħdan it-tifsira ta' Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 79/112/KEE:

— tkessiħ fl-arja: tkessiħ ta' karkassi ta' tjur farja kiesħa,

— tkessiħ b'raxx ta' arja: tkessiħ ta' karkassi ta' tjur farja kiesħa mxxerred bi ċpar tal-ilma jew raxx irqiq ħafna tal-ilma,

— tkessiħ b'immersjoni: tkessiħ ta' karkassi ta' tjur f'tankijiet tal-ilma jew tas-silġ u ilma, skond il-proċess ta' *counter-flow* kif imfisser fid-Direttiva tal-Kunsill 71/118/KEE⁽¹⁾, l-Anness I, Kapitolu V, punti 28 (a) u (b).

Artikolu 10

1. Sabiex jiġu indikati t-tipi ta' biedja għajr il-biedja organika jew bijoloġika, it-termini imsemmija biss hawn taħt u t-termini li jikkorrispondu fl-ilsna l-oħra tal-Komunità elenkati f'Anness III jistgħu jidhru fuq it-tikketta fi ħdan it-tifsira ta' Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 79/112/KEE jekk il-kondizzjonijiet relevanti speċifikati f'Anness IV jiġu sodisfatti:

(a) "Mitmugħ bi... % ta'..";

(b) "Ġewwa estensiv" ("Imrobbija fil-matmura");

(ċ) "Free range"

(d) "Free range tradizzjonali"

(e) "Free range - libertà totali".

Dawn it-termini jistgħu jiġu issupplementati b'indikazzjonijiet li jsemmgħu l-karatteristiċi partikolari tat-tipi rispettivi ta' biedja.

2. Aċċenn tal-età tal-qatla jew tul tal-perjodu tat-tħaxxin għandu jkun permess biss meta jsir użu minn wieħed mit-termini msemmija fil-paragrafu 1 u għal età ta' mhux inqas minn dik indikata f'Anness IV (b), (ċ) jew (d). Iżda, din id-dispożizzjoni ma tapplikax fil-każ ta' *poussins*.

3. Id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw bla ħsara għal miżuri nazzjonali u tekniċi li jmorru 'l hinn mill-ħtiġiet minimi mogħtija f'Anness IV, li japplikaw biss għal produtturi tal-Istat Membru konċernat, sakemm huma kompatibbli mal-liġi tal-Komunità u huma konformi ma' l-istandards komuni ta' tqegħid fis-suq għal laħam ta' tjur.

4. Il-miżuri nazzjonali msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jiġu ikkomunikati lill-Kummissjoni.

5. F'kull żmien u fuq talba tal-Kummissjoni, Stati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi stmata l-kompatibilità tal-miżuri msemmija f'dan Artikolu mal-liġi tal-Komunità u l-konformità tagħhom mal-istandards komuni ta' tqegħid fis-suq għal-laħam tat-tjur.

⁽¹⁾ ĠU L 55, tat-8.3.1971, p.23.

Artikolu 11

1. Biċċeriji awtorizzati sabiex jużaw it-termini msemmija f'Artikolu 10 għandhom ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni speċjali. Huma għandhom iżommu rekord separat, skond it-tip ta' biedja:

- tal-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi ta' dawk l-għasafar, li għandhom jiġu irreġistrati wara spezzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru,
- fuq talba ta' din l-awtorità n-numru ta' għasafar miżmuma minn kull produttur għal kull *turnround*.

2. Il-produtturi msemmija għandhom wara jiġu spezzjonati regolament. Huma għandhom iżommu reġistri kurrenti tan-numru ta' għasafar skond it-tip ta' sistema ta' tjur li turi wkoll in-numru ta' għasafar mibjugħin u l-isem tax-xerrejja.

3. Għandhom isiru spezzjonijiet regolari fir-rigward tal-konformità ma' Artikoli 10 u 11 fir-

- razzett: għall-inqas darba kull *turnround*,
- fil-post fejn jiġi ipproċessat l-għalf tal-annimali: għallinqas darba għal kull formula tal-ikel użata, u f'kull każ għall-inqas darba fis-sena,
- biċċerija: għallinqas erba' darbiet fis-sena,
- maqfas: għallinqas darba kull sena għat-tipi ta' biedja msemmija f'Artikolu 10(1)(d) u (e).

4. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Lulju tal-1991 lista tal-biċċeriji approvati irreġistrati skond il-paragrafu 1, li turi l-isem u l-indirizz u n-numru mogħti lil kull waħda minnhom. Kull tibdil f'dik il-lista għandu jiġi ikkomunikat fil-bidu ta' kull kwart tas-sena kalendarja lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Ġunju 1991.

Artikolu 12

Fil-każ ta' sorveljanza tal-indikazzjoni tat-tip ta' biedja wżata kif imsemmi f'Artikolu 5(6), it-tieni paragrafu tar-Regolament (KEE) Nru 1906/90 korpi nominati mill-Istati Membri għandhom iħarsu l-kriterji stabbiliti fin-Norma Ewropea Nru En/45011 tas-26 ta' Ġunju tal-1989, u b'hekk għandhom jiġu illiċenzjati u sorveljati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru interessat.

Artikolu 13

Laħam tat-tjur importat minn terzi pajjiżi jista' juri indikazzjoni waħda jew iktar mhux obligatorja li għaliha hemm provdut f'Artikoli 9 jew 10 jekk ikun akkumpanjat b'ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' orġini li jiċċertifika l-konformità tal-prodotti in kwistjoni mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

Fuq talba minn pajjiż terz lill-Kummissjoni, għandha tiġi stabbilita lista ta' awtoritajiet tali mill-Kummissjoni.

Artikolu 14

L-ismijiet tal-prodotti u termini oħra li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament għandhom jiġu indikati għallinqas fl-ilsien jew ilsna tal-Istat Membru li fih isir il-bejgħ bl-imnut jew kwalunkwe użu ieħor.

Artikolu 15

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Ġunju 1991. Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 1991. Iżda, sal-31 ta' Diċembru 1991 operaturi jistgħu jippakkjaw prodotti koperti b'dan ir-Regolament f'materjal tal-ippakkjar li jgħorr indikazzjonijiet li għalihom hemm provdut fil-Komunità jew leġislazzjoni nazzjonali applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Dawn il-prodotti jistgħu imbagħad jiġu mpoġġija fis-suq sal-31 ta' Diċembru 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX

ARTIKOLU I(1) — ISMIJIET TA' KARKASSI TA' TJUR

	E	F	D	DK	ESP	GR	I	NL	P
1.	Chicken, broiler	Poulet (de chair)	Hähnchen	Kylling, slagtekylling	Pollo (de carne)	Κοτόπουλο Πτείνοι και κότες (κρεατοσυναγωγής)	Pollo, Broiler	Kuiken, braadkuiken	Frango
2.	Cock, hen, casserole, or boiling fowl	Coq, poule (à bouillir)	Suppenhuhn	Hane, hønse, suppehøne	Gallo, gallina	Πτείνοι και κότες (για βράσιμο)	Gallo, gallina Pollame da brodo	Haan, hen soepof stroofkip	Galo, galinha
3.	Capon	Chapon	Kapaun	Kapun	Capón	Καπόνια	Cappone	Kapoen	Capão
4.	Poussin, Coquelet	Poussin, coquelet	Stubenküken	Poussin, Coquelet	Polluelo	Νεοσοός, πετεινάρι	Galletto	Piepkuiken	Pinto, coquelet
1.	(Young) turkey	Dindonneau, (jeune) dinde	(Junge) Pute, (Junger) Truthahn	(Mini) kalkun	Pavo (joven)	Γάλι και γαλοπούλες	(Giovane) tacchino	(Jonge) kalkoen	Peru
2.	Turkey	Dinde (à bouillir)	Pute, Truthahn	Aviskalkun	Pavo	Γάλι και γαλοπούλες	Tacchino/a	Kalkoen	Peru adulto
1.	(Young) duck, duckling, (Young) Musovy duck	(Jeune) canard, caneton, (jeune) canard de Barbarie	Frühmastente, Jungente, (Junge) Flugente	(Ung) and (Ung) berberand	Pato (joven o anadino), pato de Berberia (joven)	(Νεαρές) πάπιες ή πάπια	(Giovane) anatra (Giovana) anatra muta	(Jonge) eend, (jonge) Barbarijse eend	Pato, Pato Barbary
2.	Duck	Canard, canard de Barbarie (à bouillir)	Ente, Flugente	Avlsand Berberand	Pato, pato de Berberia	Πάπιες	Anatra Anatra muta	Eend	Pato adulto, Pato adulto Barbary
1.	(Young) goose, gosling	(Jeune) oie ou oison	Frühmastgans, (Junge) Gans	(Ung) gås	Oca (joven), ansarón	(Νεαρές) χήνες ή χηνάκια	(Giovane) oca	(Jonge) gans	Ganso
2.	Goose	Oie	Gans	Avlsgås	Oca	Χήνες	Oca	Gans	Ganso adulto
1.	(Young) guinea fowl	(Jeune) pintade Pintadeau	(Junges) Perlhuhn	(Ung) perlehøne	Pintada (joven)	(Νεαρές) φραγκόκορες	(Giovane) faraona	(Jonge) parelhoen	Pintada
2.	Guinea fowl	Pintade	Perlhuhn	Avlsperlehøne	Pintada	Φραγκόκορες	Faraona	Parelhoen	Pintada adulta

ARTIKOLU 1(2) ISMIJIET TA' PARTIJIET TA' TJUR

	E	F	D	DK	ESP	GR	I	NL	P
(a)	Half	Demi ou moitié	Hälfte oder Halbes	Halvt	Medio	Μισά	Metà	Helft	Metade
(b)	Quarter	Quart	(Vorder-, Hinter-) Viertel	Kvart	Cuarto	Τεταρτημόριο	Quarto	Kwart	Quarto
(c)	Unseparated leg quarters	Quarts postérieurs non séparés	Hinterviertel am Stück	Sammenhængende lårstykker	Cuartos traseros unidos	Αδιαχώριστα τεταρτημόρια ποδιών	Cosciotto	Niet-gescheiden achterkwartten	Quartos de coxa não separados
(d)	Breast	Poitrine, blanc ou filet sur os	Breast, halbe Brust, halbierte Brust	Bryst	Pechuga	Στήθος	Petto con osso	Borst	Peito
(e)	Leg	Cuisse	Schenkel, Keule	Helt lår	Muslo y contramuslo	Πόδι	Coscia	Hele poot, hele dij	Perna inteira
(f)	Chicken leg with a portion of the back	Cuisse de poulet avec une portion du dos	Hähnchenschkel mit Rückenstück	Kyllingelår med en del af ryggen	Cuarto trasero de pollo	Πόδι από κοτόπουλο με ένα κομμάτι της ράχης	Coscetta	Poot/dij met rugdeel (bout)	Perna inteira de frango com uma porcao do dorso
(g)	Thigh	Haut de cuisse	Oberschenkel, Oberkeule	Overlår	Contramuslo	Μηρός (μπουτι)	Sovraccoscia	Bovenpoot, bovendij	Coxa
(h)	Drumstick	Pilon	Unterschenkel, Unterkeule	Underlår	Muslo	Κνήμη	Fuso	Onderpoot, onderdij (Drumstick)	Perna
(i)	Wing	Aile	Flügel	Vinge	Ala	Φτερούγνα	Ala	Vleugel	Asa
(j)	Unseparated wings	Ailes non séparées	Beide Flügel, ungetrennt	Sammenhængende vinger	Alas unidas	Αδιαχώριστες φτερούγνες	Ali non separate	Niet-gescheiden vleugels	Asas ão separadas
(k)	Breast fillet	Filet de poitrine, blanc, filet, noix	Breastfilet, Filet aus der Brust	Brystfilet	Filet de pechuga	Φιλέτο στήθους	Filetto, fesa (tacchino)	Borsfilet	Carna de peito
(l)	Breast fillet with wishbone	Filet de poitrine avec lavicule	Breastfilet mit Schlüsselbein	Brystfilet med ønskeben	Filete de pechuga con clavícula	Φιλέτο στήθους με κλειδοκόκαλο	Petto (con forcilla), fesa (con forcilla)	Borstfilet met vorckbeen	Carne de peito com fúrcula

L-ANNEX II

ARTIKOLU 9 — METODI TA' TKESSIĦ

	E	F	D	DK	ESP	GR	I	NL	P
1.	Air chilling	Refroidissement à l'air	Luftkühlung	Loftekøling	Refrigeración por aire	Ψύξη με αέρα	Raffreddamento ad aria	Luchtkoeling	Refrigeração por ventilação
2.	Air spray chilling	Refroidissement par aspersion ventilée	Luft-Sprüh-Kühlung	Luftspraykøling	Refrigeración por aspersion ventilada	Ψύξη με ψεκασμό	Raffreddamento per aspersione e ventilazione	Lucht-sproei-koeling	Refrigeração por aspersão e ventilação
3.	Immersion chilling	Refroidissement par immersion	Gegenstrom-Tauchkühlung	Neddypningskøling	Refrigeración por inmersión	Ψύξη με βύθιση	Reffreddamento per immersione	Dompelkoeling	Refrigeração por imersão

L-ANNEX III

ARTIKOLU 10(1) TIPI TA' BIEDJA

	E	F	D	DK	ESP	GR	I	NL	P
(a)	Fed with... % of... Oats fed goose	Alimenté avec... % de... Oie nourrie à l'avoine	Mast mit... %... Hafermastgans	Fodret med... %... Havrefordret gås	Alimentado con... % Oca engordada con avena	Έχει τρωθεί με ... %... Χήνα που παχαινεται με βρώμη	Alimentato con il... % di... Oca ingrassata con avena	Gevoed met... %... Met haver vetgemeste gans	Alimentando com... % de... Ganso engordado com aveia
(b)	Extensive indoor (Barn-reared)	Élevé à l'intérieur: système extensif	Extensive Bodenhaltung	Ekstensivt staldopdraet (skrabe...)	Sistema extensivo en gallinero	Εκτακτικής εκτροφής	Estensivo al coperto	Scharrel...	Produção em interior
(c)	Free range	Sortant à l'extérieur	Auslaufhaltung	Frigående	Gallinero con salida libre	Ελευθέρης βοσκής	All'aperto	Scharrel... met uitloop	Produção em semiliberdade
(d)	Traditional free range	Fermier-élevé en plein air	Bäuerliche Auslaufhaltung	Frilands...	Granja al aire libre	Πτηνοτροφείο περιορισμένης βοσκής	Rurale all'aperto	Boerderij... met uitloop Hoeve.. met uitloop	Produção ao ar livre
(e)	Free range — total freedom	Fermier-élevé en liberté	Bäuerliche Freilandhaltung	Frilands... opdraettet i frihed	Granja de cría en libertad	Πτηνοτροφείο απεριοριστής τροφοής	Rurale in libertà	Boerderij... met vrije uitloop Hoeve... met vrije uitloop	Produção em liberdade

L-ANNEX IV

(a) **Razzjon tal-ikel:**

Riferenza għall-ingredjenti partikolari tal-ikel li ġej tista' ssir biss fejn:

- fil-każ ta' ċereali, huma jiġġustifikaw għallinqas 65 % tal-piż tal-formula ta' ikel mogħtija matul l-ikbar parti tal-perjodu ta' tħaxxin, li jista' jinkludi mhux iżjed minn 15 % ta' prodotti sekondarji ta' ċereali; iżda, meta ssir riferenza għal ċereali speċifiku wieħed, huwa għandu jiġġustifika għallinqas 35 % tal-formula tal-ikel użata, u għallinqas 50 % fil-każ ta' qamħirrum,
- fil-każ ta' legumi jew ħaxix aħdar huma jiġġustifikaw għallinqas 5 % f'piż tal-formula ta' ikel mogħti matul il-biċċa l-kbira tal-perjodu ta' tħaxxin,
- fil-każ ta' prodotti tal-ħalib, huma jiġġustifikaw għallinqas 5 % f'piż tal-formula ta' ikel mogħti matul il-fażi tal-aħħar.

It-terminu "wiżża mitmugħa l-ħafur" jista' iżda jintuża meta l-wiżż huma mitmugħa matul il-fażi tal-aħħar ta' tliet ġimgħat mhux inqas minn 500g ta' ħafur kuljum.

(b) **"Ġewwa estensiv" ("Imrobbija fil-matmura");**

Dan it-terminu jista' jintuża biss meta:

- ir-rata tal-irjus għal kull metru kwadru ta' spazju ta' paviment ma jkunx iżjed fil-każ ta':
 - tiġieġ: 12-il għasfur iżda mhux iżjed minn 25 kg piż ħaj,
 - papri, fargħuna, dundjani: 25 kg piż ħaj,
 - wiżż: 15 kg piż ħaj,
- l-għasafar huma maqtula fil-każ ta':
 - tiġieġ ta' 56 jum jew iktar tard,
 - dundjani ta' 70 jum jew iktar tard,
 - wiżż ta' 112 jum jew iktar tard,
 - Papri Peking: 49 jum jew iktar tard,
 - Papri Muscovy: 77 jum jew iktar tard għal nisa,
84 jum jew iktar tard għal irġiel,
 - fargħuna: 82 jum jew iktar tard,

(c) **"Free range"**

Dan it-terminu jista' jintuża biss meta:

- ir-rata tal-irjus fil-gallinar u l-età tal-qatla huma skond il-limiti ffissati taħt (b), għajr għal tiġieġ, li għalihom ir-rata ta' ħażna tista' tiżdied għal 13, iżda mhux iżjed minn 27,5 kg piż ħaj għal kull m²,
- l-għasafar kellhom matul għallinqas nofs ħajjithom aċċess kontinwu bi nhar għal spazji fl-arja aperta li jinkludu arja mgħottija l-aktar b'veġetazzjoni ta' mhux inqas minn:
 - 1 m² għal kull tiġieġa jew fargħuna,
 - 2 m² għal kull papra,
 - 4 m² għal kull dundjan jew wiżża,
- il-formula ta' ikel użata fil-fażi tat-tħaxxin fiha għall-inqas 70 % ta' ċereali,
- il-gallinar tat-tjur huwa provdut b'popholes ta' tul kombinat daqs jew ikbar minn dak tal-itwal naħa tad-dar fil-każ ta' tiġieġ.

(d) **"Free range tradizzjonali":**

Dan it-terminu jista' jintuża biss meta:

- ir-rata tal-irjus f'kull metru kwadru ma tkunx iżjed fil-każ ta':
 - tiġieġ: 12 iżda mhux iżjed minn 25 kg piż ħaj; iżda, fil-każ ta' gallinari mobbli ta' mhux iżjed minn 150 m² ta' spazju ta' paviment u li jibqgħu miftuħa bil-lejl, ir-rata tal-irjus tista' tiżdied għal 20, iżda mhux iżjed minn 40 kg piż ħaj għal kull m²,
 - ħasi: 6,25 (sa età ta' 81 ġurnata: 12) iżda mhux iżjed minn 25 kg piż ħaj,
 - Papri Muscovy: 8 irġiel iżda mhux iżjed minn 25 kg piż ħaj,
10 nisa iżda mhux iżjed minn 20 kg piż ħaj,

- fargħuna: 13 iżda mhux iżjed minn 20 kg piż ħaj,
- dundjani: sitta (sa età ta' seba' ġimgħat: 10) iżda mhux iżjed minn 25 kg piż ħaj,
- wiżż: tlieta jekk spiċċaw f'klawstrali matul l-aħħar tliet ġimgħat ta' tħaxxin (sa età ta' seba' ġimgħat: 10) iżda mhux iżjed minn 15 kg piż ħaj,
- l-erja totali li tista' tintuża ta' gallinari ta' tjur f'kull wieħed mis-siti ta' produzzjoni ma jkunx iżjed minn 1 600 m²,
- kull gallinar ta' tjur ma jkunx fih iżjed minn:
 - 4 800 tiġieġa,
 - 5 200 fargħuna f'gallinari b'aċċess għal free range jew 2 000 f'gagēg bil-pereċ,
 - 4 000 papri Muscovy nisa jew 3 200 papri Muscovy irġiel,
 - 2 500 ħasi, wiżż u dundjan,
- hemm aċċess kontinwu bi nhar għal spazji fl-arja aperta għallinqas mill-età ta':
 - sitt ġimgħat fil-każ ta' tiġieġ, u ħasi,
 - tminn ġimgħat fil-każ ta' papri, wiżż, fargħuni u dundjani.
- spazji fl-arja aperta li jinkludu arja mġhottija l-iktar b'veġetazzjoni li tammonta għallinqas għal:
 - 2 m² għal kull tiġieġa jew papra jew fargħuna,
 - 4 m² għal kull ħasi,
 - 6 m² għal kull dundjan,
 - 10 m² għal kull wiżża,

Fil-każ ta' fargħuna, spazji fl-arja aperta jistgħu jinbidlu b'perċa li jkollha wiċċ ta' paviment li jkun għallinqas id-doppju dak tal-gallinar u ta' għoli ta' għall-inqas 2 m, mgħammar b'pereċ ta' għallinqas 10 ċm tul għal kull għasfur,
- l-għasafar imsemnna huma ta' razza magħrufa bħala li tikber bil-mod,
- il-formula ta' ikel użata fil-fażi tat-tħaxxin fiha għall-inqas 70 % taċ-ċereali,
- l-età minima fil-qatla hija:
 - 81 ġurnata għal tiġieġ,
 - 150 ġurnata għal ħasi,
 - 77 ġurnata għal papri nisa Muscovy,
 - 84 ġurnata għal papri irġiel Muscovy,
 - 94 ġurnata għal fargħuna,
 - 140 ġurnata għal dundjani u wiżż tax-xiwi,
 - 102 ġurnata għal wiżż maħsuba għall-produzzjoni ta' foie gras u "magret"

(e) **"Free range — libertà totali".**

L-użu ta' dan it-terminu jeħtieġ konformità mal-kriterji stabbiliti taħt (d), għajr li l-għasafar għandhom ikollhom aċċess kontinwu bi nhar għal spazji fl-arja aperta ta' arja mhux limitata.